MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 549/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Duranovic Coreschi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Duranovic Coreschi talli fl-1 ta’ Gunju 2010 u fil-gimgha ta’ qabel:

(1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba’ u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra

awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

(2) ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt. Dr. Edwina Grima LL.D., datata 13.05.2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101, ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 167, 183, 184, 49, 50, 17(b), 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Duranovic Coreschi hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu sentejn prigunerija u kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500.00), li bl-appplikazzjoni ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011 u b'dan li jekk jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Duranovic Coreschi pprezentat fl-24 ta' Dicembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu gie misjub hati u tirrevokaha ghall-fini ta' piena u konsegwentement tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Ghalkemm l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet dedotti, huwa ghandu aggravju dwar ragunijiet legali u aggravju dwar il-piena. Fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 2011, pero`, l-Avukat Dottor Arthur Azzopardi ghall-appellant iddikjara li kien qieghed jirtira l-aggravji mmarkati A.2, A.3, A.4, A.5.iii, u kull talba ghal referenza kostituzzjonali li seta’ ghamel fir-rikors ta’ appell. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji rimanenti.

**6.** Fl-ewwel lok l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dak l-artikolu, jghid l-appellant, jitkellem car dwar il-poteri li l-Qorti li ser tiggudika ghandha ghar-rigward dikjarazzjoni ta’ htija wara l-impozizzjoni ta’ ordni. Meta mbaghad si tratta ta’ ksur ta’ kondizzjoni imposta fl-ordni, tali ksur ghandu jkun punibbli skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 21 ta’ l-istess Kap. 446.

**7.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant m’ghandux ragun. L-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta assolutament ma japplikax ghall-kaz odjern. Id-dicitura ta’ l-artikoli 21 u 23 tal-Kap. 446 hija cara. L-artikolu 21 japplika unikament fejn ikun hemm ksur ta’ xi htiega ta’ Ordni ta’ *Probation* filwaqt illi l-artikolu 23 japplika fejn ikun hemm dikjarazzjoni ta’ htija dwar reat kommess matul il-perijodu ta’ *probation* (jew matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata). L-artikolu 21 japplika fejn il-Qorti tkun giet infurmata b’xi nuqqas tal-*probationer* li jhares xi kundizzjoni fl-Ordni ta’ *Probation*. Din l-informazzjoni normalment tinghata permezz ta’ rikors ta’ l-ufficjal tal-*probation*. L-artikolu 23 japplika fejn ikunu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-*probationer* dwar xi reat kommess matul il-perijodu ta’ *probation* u tinsab il-htija. Jigifieri l-proceduri huma separati u distinti u jigu inizjati bi proceduri differenti ghal raguni differenti, cioe` fl-ewwel kaz minhabba ksur ta’ xi htiega fl-Ordni ta’ *Probation*, fit-tieni kaz minhabba l-kommissjoni ta’ reat tul il-perijodu ta’ *probation*. L-artikolu 21 huwa applikabbli meta jkun hemm

ksur ta' htiega f'Ordni ta' *Probation*; l-artikolu 23 huwa applikabbli f'kaz ta' dikjarazzjoni ta' htija dwar reat kommess matul il-perijodu ta' *probation*. Kwindi l-ewwel ilment ta' l-appellant huwa michud.

**8.** Ilment iehor ta' l-appellant hu li ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni li giet moghtija f'xi sentenzi li l-kelma "tista'" fl-artikolu 23 ghandha tigi mifhuma bhala "ghandha". Jghid li principju kardinali fil-ligi penali huwa *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit* (u mhux kif qal fir-rikors ta' appell *ubi lex dixit, ubi lex voluit*). L-appellant isostni li bl-ebda finzjoni legali ma jista' jifhem kif u ghalfejn l-uzu ta' kelma kostantement utilizzata fil-Kodici Kriminali u ligijiet ohra, u li tintuza mil-legislatur sabiex jaghti ampja mano di scelta lill-Qorti ai fini tad-decizjoni taghha, fil-kaz ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446 giet moghtija tifsira djamettrikament opposta ghat-tifsira naturali taghha u allura kontra l-ispirtu tal-ligi stess. In sostenn ta' dak li jtenni l-appellant, huwa jghid li hemm "varji sentenzi moghtija mill-Qrati nostrana fejn anke f'kaz ta' ksur ta' sanzjoni komunitarja, jew ahjar fejn isehh reat matul l-operazzjoni ta' sanzjoni komunitarja", gie applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 446. Jirreferi ghal sentenza <u>wahda</u> moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Bertram Zahra**.

**9.** L-ewwelnett, bhalma qalet diga` din il-Qorti (*supra*, para. 7), fi proceduri istitwiti minhabba li jkun gie kommess reat matul il-perijodu ta' *probation* u fejn allura l-persuna tigi akkuzata wkoll bi ksur tal-*probation* – <u>specifikatament li kkommettiet reat waqt tali perijodu</u> – l-artikolu 21 tal-Kap. 446 <u>mhuwiex applikabbli</u> u <u>japplika biss l-artikolu 23</u> ta' l-imsemmi Kap. 446. Ghalhekk dak li gie deciz fis-sentenza citata mill-appellant huwa rrilevanti.

**10.** Dwar it-tifsira tal-kelma "tista'", din il-Qorti diversament presjeduta, b'referenza ghall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta – liema Kap. gie sostitwit bil-Kap. 446, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** moghtija fis-16 ta' Gunju 1999 kienet qalet:

**"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista'" – "may" fit-test Ingliz tal-ligi – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita` li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta'** ***probation*** **jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista'" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-Qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."**

**11.** U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Callus** mogthija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2001, intqal:

**"L-abbli difensur ta' l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma tittrattax ma' l-appellat ghall-ksur ta' din il-** ***conditional discharge*** **peress li argumenta li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 152 juza l-espressjoni '… tista' tittratta ma' dik il-persuna …', u ghalhekk, skond hu, il-kelma 'tista'' (*may* fit-test Ingliz) tindika li l-Qorti ghandha ghazla, u tista' ghalhekk anke ma tittrattax mieghu ghall-ksur tal-*conditional discharge* jew tal-*probation order* skond il-kaz. L-appellat m'ghandux ragun f'dan ir-rigward. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet *il-Pulizija v. Andrew Buhagiar* l-uzu tal-kelma 'tista'' ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi ghazla. Il-kelma 'tista'' fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 10(1) in dizamina tfisser biss li l-Qorti li tkun ikollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti."**

**12.** Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili ghall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma' dik il-persuna skond il-ligi ghal tali sejbien ta' htija, u certament m'ghandhiex ghazla tittrattax mieghu jew le. Skond id-dicitura fl-artikolu 23(1)(a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' (fit-test Ingliz *"could"*) tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti); u skond dik ta' l-artikolu 23(1)(b), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet (fit-test Ingliz *"could"*) tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perijodu ta' *probation*, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqieghed taht *probation*. Ladarba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha s-setgha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati. Konsegwentement anke dan l-ilment huwa michud.

**13.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. F'dar-rigward din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Maryanne Zammit kif ukoll ix-xiehda ta' Kenneth Agius.

**14.** Mix-xiehda ta' Maryanne Zammit jirrizulta li l-appellant ghandu problema ta' abbuz ta' droga li qieghed jipprova jindirizza bl-ghajnuna tal-familja tieghu u bl-ghajnuna tal-CARITAS. Hija spjegat kif kien hemm mumenti ta' *relapse* izda xorta baqa' f'kuntatt mal-CARITAS b'dan illi jidher opportun illi l-appellant jaghmel programm residenzjali.

**15.** Kenneth Agius huwa z-ziju ta' l-appellant u xehed in konnessjoni mal-kaz li dwaru l-appellant kien tqieghed

taht *probation* bis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2009. Huwa qal li lill-appellant jixtieqlu ghajnuna aktar milli habs, li hafirlu b'qalbu kollha, li r-relazzjoni taghhom kibret hafna u johorgu flimkien u jmur id-dar tieghu. Qal li l-appellant rabba ghaqal hafna, qieghed jahdem u anke xtara karozza. Meta sema' l-ahbar li l-appellant wehel il-habs, hassu hazin hafna ghax il-kaz ghalih kien mahfur.

**16.** Issa, hawn ghandna kaz partikolari hafna. Fil-proceduri li waslu ghas-sentenza tat-13 ta' Mejju 2009 l-appellant kien gie akkuzat (1) b'serq ta' gojjellerija, flus u cekkijiet minghand iz-zijiet tieghu Kenneth u Isabel Agius, (2) tentattiv ta' serq minghandhom, (3) frodi b'ghemil qarrieqi ghad-dannu taghhom, (4) falsifikazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 9, (5) falsifikazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 183 tal-Kap. 9, (6) uzu ta' dokumenti foloz, (7) hsara volontarja ghad-dannu tal-konjugi Agius, u (8) li sar recidiv. Stante rinunzja tal-parte leza, fis-sentenza taghha tat-13 ta' Mejju 2009 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-seba' imputazzjonijiet. Ma setghetx taghmel l-istess ghar-rigward ta' l-imputazzjonijiet l-ohra peress illi r-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet mhumiex rinunzjabbli. L-appellant kien irregistra ammissjoni dwarhom. Dawn ir-reati li taghhom instab hati, pero`, kollha jirreferu <u>ghall-istess azzjonijiet</u> ta' l-appellant, cioe` l-falsifikazzjoni li ghamel fuq cekkijiet li kien seraq minghand iz-zijiet tieghu u li uza sabiex b'hekk akkwista s-somma ta' €450 ghad-dannu ta' l-istess zijiet tieghu, cioe` azzjonijiet li dwarhom kien hemm il-mahfra inkondizzjonata tal-parti leza. F'dan il-kuntest, ghalhekk, tali mahfra ghandha wkoll tinghata importanza massima. Barra minn hekk, in vista ta' l-ammissjoni ta' l-appellant f'dik il-kawza, ma giex ikkunsidrat jekk, nonostante tali ammissjoni, il-fatti tal-kaz kinux iwasslu ghar-reita` dwar it-tliet imputazzjonijiet rimanenti, cioe` ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet. Effettivament ma jirrizultax lil din il-Qorti li kellu jinstab hati tar-raba' imputazzjoni peress illi ma jirrizultax illi huwa ffalsifika dokumenti izda li ghamel falsifikazzjoni fuq dokumenti ossia cekkijiet tal-bank. Naturalment, in vista tal-fatt li dik is-sentenza ma kinitx giet appellata, din il-

Qorti ma tistax tbiddel id-dikjarazzjoni ta' htija li kienet ghamlet is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2009. Pero` hija cirkostanza ohra li, flimkien mac-cirkostanzi ohra ga` msemmija, huma cirkostanzi specjali u straordinarji li ghandhom iwasslu ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid jitqies ukoll li l-ammont in kwistjoni ma kienx wiehed qawwi u li dan thallas lura liz-zijiet tieghu.

**17.** Kwantu ghal dak li wassal biex jigu inizjati proceduri godda kontra l-appellant, din il-Qorti tirreferi ghax-xiehda li ta l-Ispettur Victor Aquilina quddiem l-ewwel Qorti fid-29 ta' Novembru 2010:

"Nixtieq nghid li l-imputat mhux talli kkoopera bis-shih mal-Pulizija, u dan kien kaz fejn hu lehaq bela' sakemm gie quddiemi u ma kienx jammetti. Mhux talli kkoopera u ammetta, imma talli ghamilli xiehda guramentata u fl-20 ta' Dicembru 2010 ser jixhed kontra persuni ohra u ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta."

Naturalment l-artikolu 29 tal-Kap. 101 mhuwiex applikabbli ghall-kaz li dwaru kienet inghatat is-sentenza msemmija fil-konfront tieghu tat-13 ta' Mejju 2009. Pero` din il-Qorti tara fl-agir ta' l-appellant kif iddeskriva l-Ispettur Aquilina *a cry for help* biex jehles mill-vizzju tad-droga. Ir-rieda ghalhekk tidher li qieghda hemm. U dan huwa kkonfermat mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* Maryanne Zammit.

**18.** Mehud kollox in konsiderazzjoni, u wara li din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-mod kif ghandha tittratta ma' l-appellant, waslet ghall-konkluzjoni li, anke fl-interess suprem tas-socjeta`, l-appellant ghandu jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jehles darba ghal dejjem mill-vizzju tad-droga. Ghalhekk dwar l-imputazzjoni ta' pussess ta' eroina, wara li l-istess appellant esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigiet ta' ordni ta' *probation*, sejra tqieghdu taht *probation* b'kundizzjonijiet idoneji ghal dan il-ghan, filwaqt illi dwar ir-reati li dwarhom kienet inghatat is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2009, bl-applikazzjoni ta' l-

artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tinfliggi l-piena tal-multa.

**19.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u in kwantu kkundannatu jhallas multa ta' hames mitt euro (€500) u minflok, dwar l-imputazzjoni ta' pussess ta' droga eroina kontra l-ligi tqieghdu taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* li jigi/tigi nominat/a ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*. Din il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li huwa jifhem l-effett ta' l-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-ordni jew jaghmel xi reat iehor, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Kwantu ghar-reati li dwarhom kien originarjament gie dikjarat hati bis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2009, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tittratta ma' l-imsemmi Duranovic Coreschi mill-gdid u, wara li rat l-artikoli 21, 167, 183, 184, u 17(h), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-hlas tal-multa massima ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------